MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1387/2003

**Carmel sive Charles u Anna Maria konjugi Bugeja**

**Vs**

**Cloisters Walk Limited**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Premess illi permezz ta' konvenju datat 28 ta' Ottubru, 1999, preservat ghand in-Nutar Pierre Attard (**Dok. CB 1**) is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi lill-atturi l-*garage* nternament immarkat bin-numru tnejn zero wiehed (201) f'kumpless ta' garaxxijiet b'entratura komuni bla numru u bla isem f'Triq il-Karmnu,

San Giljan, liema kumpless ta' garaxxijiet li jikkonsisti f'zewg livelli ta' garaxxijiet jikkonfina mill-Lvant in parti mat-triq imsemmija w in parti mas-*sottosuolo* tad-dar numru ghoxrin (20) f'Triq il-Karmnu proprjeta' ta' Kenneth Caruana, mit-Tramuntana ma' beni tal-Joint Office jew tal-avventi kawza tieghu, l-imsemmi garaxx jinsab fil-livell ta' fuq tal-kumpless, hekk kif ahjar indikat fuq pjanta annessa ma' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard tal-hamsa ta' Marzu tas-sena elf disa' mija w sebgha w disghin (05.03.1997), liberu u frank, bil-pussess vakanti u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u dana versu l-prezz ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000) liema ammont gja thallas mill-atturi lis-socjeta' konvenuta hekk kif jirrizulta mill-istess konvenju;
U premess illi l-konvenju sudett gie mgedded l-ewwel, permezz ta' ftehim datat 26 ta' Novembru, 2001 (**Dok. CB2**) sad-29 ta' Novembru, 2002, u sussegwentement permezz ta' ftehim iehor datat 29 ta' Novembru, 2002 (**Dok. CB3**) sat-30 ta' Novembru, 2003 u b'hekk l-att finali kellu jsir sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru, 2003.

U premess illi s-socjeta' konvenuta nterpellata sabiex taddivjeni ghal publikazzjoni ta' l-att definittiv ta' trasferiment tal-garage sudett, permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Novembru, 2003 (**Dok. CB4**) dina baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta il-ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija u prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna li:

1. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex in esekuzzjoni tal-konvenju sudett datat 28 ta' Ottubru, 1999 kif imgedded, tersaq ghall-publikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh u trasferiment, mill-istess socjeta' konvenuta lill-atturi ai termini tal-obbligazzjonijiet minnha assunti bl-istess konvenju, tal-garage nternament mmarkat bin-numru tnejn zero wiehed (201) f'kumpless ta' garaxxijiet b'entratura komuni bla numru u bla isem f'Triq il-Karmnu, San Giljan, liema kumpless ta' garaxxijiet li jikkonsisti f'zewg livelli ta' garaxxijiet jikkonfina mill-Lvant in parti

mat-triq imsemmija w in parti mas-sottosuolo tad-dar numru ghoxrin (20) f’Triq il-Karmnu proprjeta’ ta’ Kenneth Caruana, mit-Tramuntana ma’ beni tal-Joint Office u minn Nofsinhar ma’ beni tal-Joint Office jew tal-avventi kawza tieghu, l-imsemmi garaxx jinsab fil-livell ta’ fuq tal-kumpless, hekk kif ahjar indikat fuq pjanta annessa ma’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard tal-hamsa ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija w sebgha w disghin (05.03.1997), liberu u frank, bil-pussess vakanti u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollha msemmija fl-istess konvenju u dan fi zmien qasir u perentorju li jgig stabbilit minn din il-Qorti u taht dawk il-provvedimenti li l-istess Qorti jidhrilha xierqa w opportuni;

2. Tinnomina Nutar sabiex jippublika l-att notarili ta’ trasferiment relattiv f’jum, post u hin li jigu ffissati minn din il-qorti u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

3. F’kaz li l-bejgh u trasferiment sudett ma jkunx aktar possibbli tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta tirrifondi lill-atturi l-prezz minnhom imhallas lill-istess socjeta’ konvenuta ammontanti ghal erbat elef Liri Maltin (Lm4,000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija, kontra s-socjeta’ konvenuta minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li biha ammetiet t-talba kif dedotta fic-citazzjoni**;**

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------